

Brussell, 12 ta' Lulju 2015

Suġġett: Dikjarazzjoni tas-Summit taż-Żona tal-Euro
Brussell, 12 ta' Lulju 2015

Is-Summit taż-Żona tal-Euro jisħaq dwar il-ħtieġa kruċjali li tinbena mill-ġdid il-fiduċja mal-awtoritajiet Griegi bħala prerekwiżit għal ftehim futur possibbli dwar programm ġdid tal-MES. F'dan il-kuntest, is-sens ta' appartenenza mill-awtoritajiet Griegi huwa fundamentali, u l-implimentazzjoni b'suċċess għandha ssegwi l-impenji tal-linji politiċi.

Stat Membru taż-Żona tal-Euro li jitlob assistenza finanzjarja mill-MES hu mistenni jindirizza, kull meta possibbli, talba simili lill-FMI¹. Din hija prekundizzjoni għall-Grupp tal-Euro biex jaqbel fuq programm ġdid tal-MES. Għalhekk il-Greċja ser titlob li l-appoġġ tal-FMI (monitoraġġ u finanzjament) jitkompla minn Marzu 2016.

Minħabba l-ħtieġa li tinbena mill-ġdid il-fiduċja mal-Greċja, is-Summit taż-Żona tal-Euro jilqa' l-impenji tal-awtoritajiet Griegi li jilleġislaw mingħajr dewmien l-ewwel ġabra ta' miżuri. Dawn il-miżuri, meħudin bi ftehim sħiħ minn qabel mal-Istituzzjonijiet, ser jinkludu:

¹ Trattat tal-MES, premessa (8)

sal-15 ta' Lulju

- is-simplifikazzjoni tas-sistema tal-VAT u t-twessigħ tal-bażi tat-taxxa biex jiżdied id-dħul;
- miżuri bil-quddiem biex tittejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet bħala parti minn programm komprensiv ta' riforma tal-pensjonijiet;
- is-salvagwardja tal-indipendenza legali sħiħa tal-ELSTAT;
- l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, b'mod partikolari billi l-Kunsill Fiskali jsir operattiv qabel ma jiġi ffinalizzat il-MtQ u billi jiġi introdott tnaqqis fl-infiq kważi awtomatiku fil-każ ta' devjazzjonijiet minn miri ta' bilanċi favorevoli primarji ambizzjużi wara li jkun ittieħed parir mill-Kunsill Fiskali u soġġett għal approvazzjoni minn qabel tal-Istituzzjonijiet;

sat-22 ta' Lulju

- l-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, li hija tiġdid maġġuri tal-proċeduri u l-arranġamenti għas-sistema tal-ġustizzja ċivili u li tista' taċċellera b'mod sinifikanti l-proċess ġudizzjarju u tnaqqas l-ispejjeż;
- it-traspożizzjoni tal-BRRD b'appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea.

B'mod immedjat, u unikament wara l-implimentazzjoni legali tal-ewwel erba' miżuri msemmija hawn fuq kif ukoll l-approvazzjoni mill-Parlament Grieg tal-impenji kollha inklużi f'dan id-dokument, ivverifikati mill-Istituzzjonijiet u l-Grupp tal-Euro, tkun tista' tittieħed deċiżjoni li tagħti mandat lill-Istituzzjonijiet biex jinnegozjaw Memorandum ta' Qbil (MtQ). Din id-deċiżjoni tiġi meħuda bil-kondizzjoni li l-proċeduri nazzjonali jkunu tlestew u jekk il-prekondizzjonijiet tal-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-MES jiġu sodisfatti abbażi tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikoli 13.1.

Sabiex tiffirma l-bażi għal konklużjoni b'suċċess tal-MtQ, l-offerta Griega ta' miżuri ta' riforma trid tissaħħaħ serjament biex tiegħu kont tal-pożizzjoni ekonomika u fiskali tal-pajjiż li ddeterjorat bis-siġħ matul l-aħħar sena. Il-gvern Grieg jeħtieġ li jintrabat formalment li jsaħħaħ il-proposti tagħhom f'għadd ta' oqsma identifikati mill-Istituzzjonijiet, bi skeda ta' żmien ċara u sodisfaċenti għal-leġislazzjoni u l-implimentazzjoni, inklużi punti ta' riferiment strutturali, objettivi fundamentali u punti ta' riferiment kwantitattivi, biex ikun hemm ċarezza dwar id-direzzjoni tal-linji politiċi fuq perijodu ta' żmien medju. B'mod partikolari jeħtieġu, bi qbil mal-Istituzzjonijiet, li:

- iwettqu riformi ambizzjużi tal-pensjonijiet u jispeċifikaw linji politiċi biex jikkumpensaw b'mod siġħ għall-impatt fiskali tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar ir-riforma tal-pensjonijiet tal-2012 u li jimplementaw il-klawsola defiċit zero jew miżuri alternattivi li jistgħu jinqablu b'mod reċiproku sa Ottubru 2015;
- jadottaw riformi aktar ambizzjużi tas-suq tal-prodotti bi skeda ta' żmien ċara għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-ġabra ta' għodod I tal-OECD, inklużi n-negozju nhar ta' Ħadd, il-perijodi ta' bejgħ, is-sjieda tal-ispiżeriji, il-ħalib u l-fran, ħlief il-prodotti farmaċewtiċi mingħajr preskrizzjoni, li ser jiġu implimentati f'pass li jmiss, kif ukoll għall-ftuħ ta' professjonijiet protetti makrokritiċi (eż. trasport bil-vapuri). Fis-segwitu għall-ġabra ta' għodod II tal-OECD, jeħtieġ li l-manifattura tiġi inkluża fl-azzjoni bil-quddiem;
- fir-rigward tas-swieq tal-enerġija, jipproċedu bil-privatizzazzjoni tal-operatur tan-netwerk għat-trasmissjoni tal-elettriku (ADMIE), dment li ma jkunux jistgħu jinstabu miżuri ta' sostituzzjoni li jkollhom effett ekwivalenti fuq il-kompetizzjoni, kif maqbul mill-Istituzzjonijiet;
- fir-rigward tas-swieq tax-xogħol, iwettqu reviżjonijiet rigorużi u modernizzazzjoni tan-negozjar kollettiv, azzjoni industrijali u, f'"konformità mad-direttiva rilevanti tal-UE u l-aħjar Prattika, sensji kollettivi, flimkien mal-iskeda ta' żmien u l-approċċ maqbula mal-Istituzzjonijiet. Abbażi ta' dawn ir-reviżjonijiet, il-linji politiċi dwar is-suq tax-xogħol għandhom jiġu allinjati mal-aħjar prassi internazzjonali u Ewropej, u ma għandhomx jerġgħu lura għal modi politiċi tal-passat li mhux kompatibbli mal-għanijiet tal-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u inklużiv;

- jadottaw il-passi neċessarji biex isaħħu s-settur finanzjarju, inkluża azzjoni deċiżiva fuq self improduttiv u miżuri biex tissaħħaħ il-governanza tal-HFSF u l-banek, b'mod partikolari billi tiġi eliminata kwalunkwe possibbiltà ta' interferenza politika speċjalment fil-proċessi ta' ħatra.

Barra minn dan, l-awtoritajiet Griegi għandhom jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:

- jiżviluppaw programm ta' privatizzazzjoni msaħħaħ b'mod sinifikanti b'governanza mtejbja; assi Griegi ta' valur ser jiġu ttrasferiti lejn fond li jagħti valur monetarju lill-assi permezz ta' privatizzazzjonijiet u mezzi oħra. L-għoti ta' valur monetarju lill-assi ser ikun wieħed mis-sorsi għall-ħlas lura skedat tas-self il-ġdid mill-MES u ser jiġġenera tul il-ħajja tas-self il-ġdid total immirat ta' EUR 50bn li minnhom EUR 25bn ser jintużaw għall-ħlas lura tar-rikapitalizzazzjoni tal-banek u assi oħra u 50% ta' kull euro li jifdal (jiġifieri 50% ta' EUR 25bn) ser jintużaw biex jitnaqqas il-proporzjon tad-dejn għall-PDG u l-50% li jifdal ser jintużaw għal investimenti.

Dan il-fond jiġi stabbilit fil-Greċja u jiġi ġestit mill-awtoritajiet Griegi taħt is-supervizzjoni tal-Istituzzjonijiet Ewropej rilevanti. Bi qbil mal-Istituzzjonijiet u abbażi tal-aħjar prattika internazzjonali, għandu jiġi adottat qafas leġislattiv li jiżgura proċeduri trasparenti u pprezzar adegwat għall-bejgħ tal-assi, skont il-prinċipji u l-istandards tal-OECD dwar il-ġestjoni tal-Intrapriżi tal-Istat (SOEs);

- f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-gvern Grieg, jimmodernizzaw u jsaħħu b'mod sinifikanti l-amministrazzjoni Griega, u jistabbilixxu programm, taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Ewropea, għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u d-depolitiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni Griega. Għandha tingħata proposta inizjali sal-20 ta' Lulju wara diskussjonijiet mal-Istituzzjonijiet. Il-gvern Grieg jintrabat li jnaqqas aktar l-ispejjeż tal-amministrazzjoni Griega, f'konformità ma' skeda maqbula mal-Istituzzjonijiet;

- jinnormalizzaw kompletament il-metodi ta' ħidma mal-Istituzzjonijiet, inkluż il-ħidma neċessarja fuq il-post f'Ateni, biex itejbu l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programm. Il-gvern jeħtieġ li jikkonsulta u jaqbel mal-Istituzzjonijiet dwar kull abbozz ta' leġislazzjoni f'oqsma rilevanti bi żmien adegwat qabel ma jippreżentah għall-konsultazzjoni pubblika jew lill-Parlament. Is-Summit taż-Żona tal-Euro jisħaq mill-ġdid li l-implimentazzjoni hija fundamentali, u f'dak il-kuntest jilqa' l-intenzjoni tal-awtoritajiet Griegi li sal-20 ta' Lulju jitolbu appoġġ mill-Istituzzjonijiet u l-Istati Membri għal assistenza teknika, u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkordina dan l-appoġġ mill-Ewropa;
- Bl-eċċezzjoni tal-abbozz ta' liġi dwar il-kriżi umanitarja, il-gvern Grieg ser jeżamina mill-ġdid bil-ħsieb li jemenda leġislazzjonijiet li ġew introdotti b'mod kuntrarju għall-ftehim tal-20 ta' Frar billi ma żammx mal-impenji tal-programm preċedenti jew ser jidentifika ekwivalenti kumpensatorji ċari għad-drittijiet stabbiliti li nħolqu sussegwentement.

L-impenji elenkati hawn fuq huma r-rekwiżiti minimi biex jinbdew in-negozjati mal-awtoritajiet Griegi. Madankollu, is-Summit taż-Żona tal-Euro għamilha ċar li l-bidu tan-negozjati ma jipprekludi l-ebda ftehim finali possibbli fuq programm ġdid tal-MES, li ser ikollu jkun ibbażat fuq deċiżjoni dwar il-pakkett kollu (inklużi l-ħtiġijiet ta' finanzjament, is-sostenibbiltà tad-dejn u finanzjament transitorju possibbli).

Is-Summit taż-Żona tal-Euro jieħu nota tal-ħtiġijiet possibbli tal-programm ta' finanzjament ta' bejn EUR 82 u 86 biljun, kif evalwat mill-Istituzzjonijiet. Huwa jistieden lill-Istituzzjonijiet jesploraw possibbiltajiet biex jitnaqqas il-pakkett ta' finanzjament, permezz ta' direzzjoni fiskali alternattiva jew rikavat akbar mill-privatizzazzjonijiet. L-irkupru tal-aċċess għas-suq, li huwa objettiv ta' kwalunkwe programm ta' assistenza finanzjarja, inaqas il-ħtieġa li wieħed jirrikorri għall-ammont totali tal-pakkett finanzjarju. Is-Summit taż-Żona tal-Euro jieħu nota tal-ħtiġijiet urġenti ta' finanzjament tal-Greċja li jissottolinjaw il-ħtieġa ta' progress rapidu ħafna sabiex naslu għal deċiżjoni dwar MtQ ġdid: dawn huma stmati li jammontaw għal EUR 7 biljun sal-20 ta' Lulju u EUR 5 biljun addizzjonali sa nofs Awwissu.

Is-Summit taż-Żona tal-Euro jirrikonoxxi l-importanza li jiġi żgurat li l-Istat sovrani Grieg jista' jagħmel tajjeb għall-arretrati tiegħu mal-FMI u mal-Bank of Greece u li fil-ġimgħat li ġejjin jonora l-obbligi tad-dejn tiegħu sabiex joħloq il-kondizzjonijiet li jippermettu l-konklużjoni tan-negozjati b'mod ordnat. Ir-riskji li n-negozjati ma jiġux konklużi b'mod rapidu jibqgħu għal kollox tal-Greċja. Is-Summit taż-Żona tal-Euro jistieden lill-Grupp tal-Euro jiddiskuti dawn il-kwistjonijiet b'mod urġenti.

Minħabba l-isfidi akuti tas-settur finanzjarju Grieg, il-pakkett totali ta' programm ġdid tal-MES possibbli jkollu jinkludi t-twaqqif ta' bafer ta' EUR 10 sa 25 biljun għas-settur bankarju sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet potenzjali ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek u l-ispejjeż ta' riżoluzzjoni, li minnhom EUR 10 biljun ikunu disponibbli b'mod immedjat f'kont segregat fil-MES.

Is-Summit taż-Żona tal-Euro hu konxju li deċiżjoni rapida dwar programm ġdid hija kondizzjoni li tippermetti lill-banek jifih mill-ġdid, u b'hekk tiġi evitata żieda fit-total tal-pakkett finanzjarju. Il-BĊE/MSU ser iwettqu evalwazzjoni komprensiva wara s-sajf. Il-bafer inġenerali ser ikopri n-nuqqasijiet possibbli fil-kapital b'segwitu għall-evalwazzjoni komprensiva wara li jkun ġie applikat il-qafas legali.

Hemm tħassib serju rigward is-sostenibbiltà tad-dejn Grieg. Dan minħabba l-laxkezza tal-politika matul l-aħħar tnax-il xahar, li rriżultat fid-deterjorazzjoni reċenti fl-ambjent makroekonomiku u finanzjarju domestiku. Is-Summit taż-Żona tal-Euro jfakkar li l-Istati taż-Żona tal-Euro, matul dawn l-aħħar snin, adottaw ġabra notevoli ta' miżuri li jappoġġaw is-sostenibbiltà tad-dejn Grieg, li wittew it-triq għall-ħlas tad-dejn Grieg u naqqsu l-ispejjeż b'mod sinifikanti.

F'dan l-isfond, u fil-kuntest ta' programm futur possibbli tal-MES, u skont l-ispirtu tad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro ta' Novembru 2012, il-Grupp tal-Euro jinsab lest li jikkunsidra, jekk neċessarju, miżuri addizzjonali possibbli (possibbilment perjodi itwal ta' grazzja u ta' pagament) bil-għan li jiġi żgurat li l-ħtiġijiet ta' finanzjament gross jibqgħu f'livell sostenibbli. Dawn il-miżuri ser ikunu bil-kondizzjoni tal-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri li għandhom jiġu maqbula fi programm ġdid possibbli u ser jiġu kkunsidrati wara l-ewwel tlestija pożittiva ta' reviżjoni.

Is-Summit taż-Żona tal-Euro jisħaq li ma jistax ikun hemm haircuts nominali fuq id-dejn.

L-awtoritajiet Griegi jtennu l-impenn inekwivoku tagħhom li jonoraw l-obbligazzjonijiet finanzjarji tagħhom lill-kredituri b'mod sħiħ u f'waqtu.

Dment li l-kondizzjonijiet kollha neċessarji li jinsabu f'dan id-dokument jiġu sodisfatti, il-Grupp tal-Euro u l-Bord tal-Gvernaturi tal-MES jistgħu, f'konformità mal-Artikolu 13.2 tat-Trattat dwar il-MES, jagħtu mandat lill-Istituzzjonijiet li jinnegozjaw programm ġdid tal-MES, jekk il-prekondizzjonijiet tal-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-MES jiġu sodisfatti abbażi tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 13.1.

Bħala appoġġ għat-tkabbir u l-ħolqien ta' impjegi fil-Greċja (fit-3-5 snin li ġejjin) il-Kummissjoni ser taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet Griegi biex timmobilizza sa EUR 35bn (taħt diversi programmi tal-UE) biex tiffinanzja l-attività ta' investiment u dik ekonomika, inkluż fl-SMEs. Bħala miżura eċċezzjonali u minħabba s-sitwazzjoni unika tal-Greċja, il-Kummissjoni ser tipproponi li żżid il-livell ta' prefinanzjament b'EUR 1bn li għandu jiġi ttrattat mill-koleġislaturi tal-UE biex tingħata spinta immedjata lill-investiment. Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa ser jipprovdi wkoll opportunitajiet ta' finanzjament għall-Greċja.
